22 ta' Frar, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Emmanuela sive Lily Schembri et. *versus* Joseph Schembri

## Separazzjoni personali — Interdizzjoni — Kuratur — Illeġittimità tal-Persuna — Awtorizzazzjoni tas-Sekond' Awla — Liberazzjoni "ab observantia"

*Persuna interdetta mhix kapaċi toqgħod f'kawża, sew bħala attriċi sew bħala konvenuta; u għalhekk wieħed mill-konjuġi ma jistax jistitwixxi kawża ta' separazzjoni personali kontra l-konjuġi l-ieħor, jekk ikun interdett.*

*Lanqas ma jista' jistitwixxi dan il-ġudizzju għan-nom tal-konjuġi nterdett*

*il-kuratur tiegħu, stante n-natura strettament personali ta' din l-azzjoni.*
*U għall-inkapaċità tal-kuratur li jistitwixxi dan il-ġudizzju fl-isem tal-persuna nterdetta lanqas tista' tissupplixxi l-awtorizzazzjoni li huwa jkun ottjena mis-Sekond'Awla biex hekk jaġixxi.*
*Għaldaqstant, il-konjuġi konvenut f'kawża ta' separazzjoni personali f'dawn iċ-ċirkustanzi għandu jiġi liberat mill-osservanża tal-ġudizzju.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biħ l-atturi, fil-kwalità tagħhom rispettiva, wara li jippremettu illi l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' adulterju, eċċessi, sevizji, minaċċi u ngurji gravi, jitolbu illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) tkun pronunzjata bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali u l-attriċi tkun awtorizzata tgħix separata minn żewġha; (2) il-konvenut ikun dikjarat dekadut mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili, in kwantu applikabbli għall-każ; (3) il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti tiġi dikjarata xjolta; (4) din il-komunjoni tiġi likwidata, billi tkun dikjarata tikkonsisti f'dawk il-beni kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (5) dina l-komunjoni hekk likwidata tkun maqsuma f'żewġ porzjonijiet xorta, li waħda minnhom tiġi assenjata lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut; (6) u jiġi nominat perit legali biex jagħmel il-likwidazzjoni u d-diviżjoni fuq imsemmija, nutar biex jippublika l-att relattiv, u kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-proċeduri quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut, li ġie ngunt jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-16 ta' Ottubru 1956, li biha ġiet milqugħa l-ewwel talba, u hekk ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn l-attriċi u l-konvenut għal ħtija tat-tnejn, iżda fi grad akbar tal-attriċi; ġiet miċħuda t-tieni talba; ġiet dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn l-imsemmijin kontendenti, u ġiet ordnata l-likwidazzjoni tal-istess komunjoni fil-beni li jikkomponuha, u d-diviżjoni ta' dawn il-beni f'żewġ por-

zjonijiet indaqs, li minnhom waħda tiġi assenjata lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut; u ġie ordnat li l-ispejjeż tat-talbiet hekk deċiżi jitħallsu kwantu għal sitt undeċimi (6/11) mill-attriċi u kwantu għal ħames undeċimi (5/11) mill-konvenut. U rigward is-sitt talba ġiet nominat perit legali......; wara li kkunsidrat;

Illi b'sentenza ta' din il-Qorti mogħtija l-lum stess fil-kawża fl-istess ismijiet invertiti, u li ġiet trattata kontestwalment ma' din il-kawża, ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba l-ħtija tagħhom it-tnejn, iżda fi grad akbar tal-imsemmija attriċi Emmanuela sive Lily Schembri, konvenuta f'dik il-kawża. Infatti, mill-kumpless tal-provi li saru f'dik il-kawża, irriżulta illi......;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell tal-atturi, u rat il-petizzjoni tagħhom fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn laqgħet l-ewwel talba bi ħtija tal-kontendenti, iżda fi grad akbar tal-attriċi, u fejn ċaħdet it-tieni talba, billi jiġu milqugħa l-ewwel u t-tieni talba, u tiġi konfermata fejn laqgħet it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talba, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi dikjarat li l-attriċi, bħala interdetta għal malattija mentali, hija persuna illeġittima biex tagħmel din il-kawża, u li l-attur Dr. Filippo Nicolò Butigieg ma jistax jagħmel din il-kawża ta' separazzjoni personali; u li għalhekk it-talbiet għandhom jiġu miċħuda, jew il-konvenut jiġi liberat "ab observantia judicii"; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi; u f'każ ta' eżitu infeliċi ta' din l-eċċezzjoni, id-domandi kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni jiġu riġettati; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, mħabba n-natura assorbenti tagħha, għandha tiġi qabel xejn investita u riżoluta l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tal-atturi, opposta mill-konvenut tant fir-risposta tiegħu għall-appell tal-atturi kemm fil-petizzjoni tiegħu stess. Fuq din l-eċċezzjoni l-konvenut issottometta li Emmanuela Schembri ma setgħetx tippromwovi din il-kawża għaliex tinsab interdetta għall-infermità mentali, u l-kuratur tagħha Dr. Butigieg huwa ugwalment prekluż li jippromwoviha fl-interess tal-interdetta;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi Emmanuela Schembri ġiet interdetta b'digriet tas-Sekond'Awla tad-9 ta' Ġunju 1953, u din il-kawża ġiet inoltrata fit-22 ta' April 1955, jiġifieri wara dik l-interdizzjoni. Skond l-art. 782(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, huma inkapaċi li joqgħodu f'kawża, sew bħala atturi kemm bħala konvenuti, il-persuni furjużi jew moħħom marid, u kull persuna oħra li ma jkollhiex l-eżerċizzju jew l-amministrazzjoni libera tad-drittijiet li fuqhom tkun il-kawża, ħlief fil-persuna ta' dak li skond il-liġi jkollu f'idejh l-amministrazzjoni, jew ta' kuratur "ad litem". Bl-imsemmi digriet tad-9 ta' Ġunju 1953 is-Sekond'Awla, wara li għamlet tagħha l-konklużjoni tal-perit psikjatra minnha nominat, jiġifieri li Emmanuela sive Lily Schembri hija mentalment marida, hija affetta bi skizofrenja forma paranoide, u li taħt iċ-ċirkustanzi u l-istat mentali li tinsab fih mhix kapaċi għall-attijiet tal-ħajja ċivili, ordnat l-interdizzjoni tal-imsemmija Emmanuela sive Lily Schembri mill-attijiet kollha tal-ħajja ċivili għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Konsegwentement, skond id-dispożizzjoni tal-liġi fuq riportata, l-istess Emmanuela Schembri mhix kapaċi li toqgħod f'kawża, sew bħala attriċi sew bħala konvenuta, u dik l-inkapaċità tagħha kienet pre-eżistenti għall-promozzjoni ta' din il-kawża u sussistenti meta din il-kawża ġiet promossa, kif għadha sussistenti sal-lum, billi l-interdizzjoni għadha in vigore;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi ssottomettew li fi kwalunkwe każ il-kuratur Dr. Butigieg huwa persuna leġittima biex jippromwovi din il-kawża, kif awtorizzat mis-Sekond'Awla (fol. 6). Skond l-art. 43 tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni ta' separazzjoni personali ma tistax issir jekk mhux fuq talba ta' wieħed mill-konjuġi kontra l-ieħor, u għall-kawżi stabbiliti mill-liġi. Minn din id-dispożizzjoni tirriżulta n-natura strettament personali ta' dik l-azzjoni, bażata fuq raġunijiet eminentement morali, li huma superjuri għal dawk materjali; mħabba dik in-natura tagħha l-azzjoni ma tistax tiġi ntentata mill-kuratur ta' konjuġi li, bħal f'dan il-każ, ikun interdett minħabba mard mentali;

Din il-Qorti, fis-sentenza tad-29 ta' Ġunju 1912 in re "Mallia Tabone utrinque" (Kollez. Vol. XXI-I-418), irrilevat:— "La gravità delle conseguenze cui dà luogo tale azione, unita alla considerazione che il coniuge innocente è la persona direttamente colpita dalle offese recategli dall' altro, e quindi dovrebbe esserne l'arbitro ed il vindice, indusse il legislatore a sanzionare la massima espressa nel detto articolo 42 (il-lum 43) di non potere la separazione aver luogo che a domanda di uno dei conjugi contro l'altro. Tale disposizione è concepita in termini assoluti, e non contiene alcuna eccezione, nè è remissiva ad alcuna altra delle stesse leggi";

Fil-komment tiegħu għad-dispożizzjoni analoga tal-Kodiċi Ċivili Taljan (art. 149) ir-Ricci (Diritto Civile, Vol. I, Parte II, paġ. 51) jgħid hekk:— "Il diritto di chiedere la separazione è eminentement personale; quindi non può essere esercitato da altra persona, sia anche il tutore o il curatore, nell' interesse di uno dei coniugi". Jaffermaw l-istess opinjoni l-Pacifici Mazzoni (Istituzioni, Vol. VII, Parte Speciale, ediz. 1894, p. 214), il-Venzi (Commentario del Codice Civile Italiano, no. 565), il-Borsari (Commentario del Codice Civile Italiano, Vol. I, paġ. 589). F'sens konformi huma diversi sentenzi riportati fil-Fadda (Giuris-

prudenza, numri 195 u 200); u każ minnhom huwa dak ta' *tutur ta' wieħed interdett għal mard tal-moħħ, u ġie ritenut* li dak it-tutur ma setgħax jagħmel il-kawża għas-separazzjoni. L-imsemmija dottrina u ġurisprudenza ġew segwiti minn din il-Qorti fis-sentenza fuq ċitata in re "Mallia Tabone utrinque", u f'oħra iżjed reċenti tal-4 ta' Ġunju 1945 in re "Cascun ne. vs. Cascun" (Vol. XXXII-I-251). F'din l-aħħar sentenza jinsab affermat li l-imsemmija dispożizzjoni tal-art. 43 turi biċ-ċar il-ħsieb tal-leġislatur li, fi kwistjoni hekk dibattuta fid-dottrina, ried jaqta' l-kwistjoni *billi, permezz ta' dizzjoni projbittiva, stabbilixxa li l-azzjoni* ta' separazzjoni ma tistax tiġi eżerċitata jekk mhux minn għand wieħed mill-konjuġi kontra l-ieħor;

Ikkunsidrat;

Illi, mħabba n-natura personali, kif fuq imfissra, tal-azzjoni ta' separazzjoni, għall-inkapaċità tal-kuratur Dr. Butigieg li jaġixxi għan-nom tal-interdetta Emmanuela sive Lily Schembri ma setgħetx tissupplixxi l-awtorizzazzjoni *minnu ottenuta mis-Sekond'Awla. U dan tant għaliex* id-dizzjoni tal-liġi fuq riferita hija projbittiva u assoluta, u għalhekk ma tammetti ebda eċċezzjoni, kemm għaliex, kieku kellu jiġi ritenut il-kuntrarju, tiġi żnaturata, kontra l-prinċipji fuq affermati, il-kwalità eminentement personali tal-azzjoni nvoluta. L-istess raġunijiet jikkonkorru biex jiġi ritenut li ma ssibx applikazzjoni f'dan il-każ id-dispożizzjoni tal-art. 790(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Ikkunsidrat;

Illi in bażi għal dak li ntqal fuq, l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tal-attriċi, opposta mill-konvenut Joseph Schembri, għandha tiġi milqugħa, u l-istess konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; iżda fir-regolament tal-kap tal-ispejjeż għandha tiġi meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanza li dik l-eċċezzjoni ġiet miġjuba l-quddiem biss f'din l-istanza;

Ikkunsidrat;

Illi ladarba din il-Qorti waslet għall-konklużjoni fuq esposta, l-appell tal-atturi ma jistax jiġi attiż;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-appell tal-konvenut, fis-sens li tilqa' l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tal-atturi, u konsegwentement tillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż tal-ewwel istanza kontra l-atturi, u dawk ta' din l-istanza mingħajr taxxa, iżda bid-dritt tar-Reġistru kontra l-atturi. U fis-sens fuq imsemmi tirrevoka s-sentenza appellata;

U tirrespinġi l-appell tal-atturi; bl-ispejjeż kontra tagħhom.